**30 ta' Ġunju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Roger Bugeja

**Traffiku — Sewqan Perikolus u Sewqan Negliġenti.**

*Fl-indaġini jekk is-sewqan ta' vettura tal-mutur kienx sewqan perikolus jew sewqan negliġenti biss, il-Qorti għandha tħares lejn il-kwadru taċ-ċirkustanzi kollha konkomitanti. Imma l-kwistjoni hi massimament ta' "degree"; u l-"potential danger" huwa wieħed mill-fatturi; dejjem fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha.*

*Kwantu għal li-speed li bih kien miexi d-driver, li-speed eċċessiv waħdu mhux tabilfors hu speed perikolus, imma jista' jkun tali f'determinati ċirkustanzi; u f'dawk iċ-ċirkustanzi, speed jista' jkun eċċessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari; għax allura l-limiti jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fattur ambjentali tal-mument.*

Il-Qorti:— Bis-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju 1962, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-impu-

tat ħati ta' sewqan b'manjiera perikoluża, u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' £5, u ordnat l-iskwalifika tiegħu mill-liċenza għal żmien tliet xhur;

L-imputat appella;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Fil-qosor, il-fatti tal-każ kienu dawn. F'jum ta' nhar ta' Sibt, għal xi l-għaxra ta' bil-lejl, l-imputat kien bit-taxi car tiegħu fil-venda ta' ħdejn il-pont li jikkonduċi għal Manoel Island, u x'ħin spiċċat it-tombla, li ssir hemm perijodikament, hu saq il-car biex jgħabbi xi nies li jkollhom bżonn trasport. F'ċertu ħin, bil-car tiegħu hu sbrixxa ma' ċertu James McVee, u bl-isbrixx qatagħlu xi tliet buttuni tal-ġlekk. Dan McVee naturalment kien xi ftit maqtugħ ukoll;

Il-Qorti għandha issa tara jekk kienx hemm sewqan perikoluż. F'din l-indaġni, s'intendi, għandha tħares lejn il-kwadru taċ-ċirkustanzi kollha konkomitanti (ara Crim. Law Review, June 1930, p. 460). Jekk sewqan huwiex jew le b'manjiera perikoluża, hi kwistjoni massimament ta' 'degree" (Crim. Law Review, July 1957, p. 468). Il-"potential danger" hu wieħed mill-fatturi li l-Qorti għandha tikkunsidra (Durnell vs. Scot (1939) All Eng. Law Rep. p. 183); s'intendi, dejjem fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha;

Ikkunsidrat;

Issa, hemm tliet elementi li ġew addotti biex isostnu l-manjiera perikoluża tas-sewqan;

L-ewwel, illi l-istess appellant ammetta mas-Surġent Portelli li hu rass daqsxejn mal-"fence" tal-"football pitch" li hemm mal-lemin, fejn ma hemmx bankina. Dan l-element, għalkemm importanti, ma hux daqshekk gravi kemm jista' jidher "prima facie" għall-finijiet tas-sewqan perikoluż; għaliex fatt hu li McVee stess kien miexi maħruġ xi erbgħa piedi l-barra, u fil-ħin kien hemm konkors kbir ta' nies li ħarġu mit-tombla, u traffiku f'żewġ direzzjonijiet, ċjoè dawk li ħerġin bil-cars jew karrozzini u traffiku dieħel biex jiġbor il-passiġġieri. It-trieq mhix dejqa, imma parti

minnha, f'dak il-punt, hija mħarbta. Għalhekk, kważi tabilfors li wieħed jkollu jsuq b'mod li javviċina daqsxejn mannaħa tat trieq, u lanqas jista' jevita għal kollox li jsib ruħu daqsxejn viċin lejn dik il-fjumana ta' nies li tkun ħierġa dak il-ħin. *S'intendi, ma għandux bżonn jisfjora lil ħadd; u ċ-*ċirkustanza tal-affollament tan-nies timponi obligu gravjuri ta' attenzjoni;

*It-tieni, ġie allegat il-"potential danger" għal McVee. Ladarba l-car sfjorah, tabilfors kien talment viċin lejn per*suntu li ma tistgħax tiġi għal kollox eskluża, almenu "prima facie", il-potenzjalità ta' ħsara. Iżda, anki hawn hemm x'wieħed jgħid. *L-isfjorament ma kienx* proprjament bil-"body" tal-car, imma b'dak il-mera żgħir li xi cars ikollhom fuq il-"mud-guard", li jkun daqsxejn sporġenti. Hemm drivers li dawn il-mirja (li ma għandhomx x'jaqsmu mal-"windscreen mirror") ineħħuhom, appuntu għaliex l-isporġenza tagħhom (li ssir apposta għal viżwalità li għaliha huma ntiżi) tista' minn xi daqqiet tinkommoda l-passanti fuq il-bankina tat-trieq, anki meta l-car jieqaf, mument jew tnejn, u jieqaf, kif għandu jagħmel, rażenti l-bankina. Issa, *b'dak l-andirivjeni* ta' nies wara li tispiċċa t-tombla, u dak il-volum ta' traffiku, ma hux tabilfors l-effett ta' sewqan "reckless" jew perikoluż li dik il-mera tisfjora l-ġlekk ta' passant; u fil-fatt il-ħsara, anki potenzjali, hi limitatissima, salv ix-"shock", talvolta, tal-persuna li tkun. Ċert, però, il-każ hu divers *milli kieku, sija pure s-sempliċi sfjo*rament, isir bil-"body" tal-car, jew aħjar minn xi parti ta' dak il-"body" veru u proprju;

It-tielet, l-ispeed li bih kien *qiegħed* isuq l-appellant Speed eċċessiv waħdu mhux tabilfors *hu speed perikoluż*, imma jista' jkun tali f'determinati ċirkustanzi (App. Krim. "Pul. vs. Sapiano", 23 ta' Jannar, 1960; "Pul. vs. Galea", 5 ta' Novembru 1960); u f'dawk iċ-ċirkustanzi speed jista' jkun eċċessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, għax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza, dettata mill-fatturi ambjentali tal-mument (ara *wkoll Crim.* Law Review, Dec. 1961, pp. 835-836). Issa, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, McVee, *il-mara tiegħu* ix-xhud Craig u l-mara tiegħu, jgħidu li l-car kien ġej misjuq "fast", jew "very fast", jew "more than a normal car", għad li ma jgħidux il-miljaġġ fis-siegħa. *Kieku l-provi* waqfu hawn, dan kien

ikun fattur serju, għaliex fiċ-ċirkustanzi ta' dak il-ħin u post sewqan bi speed żejjed hu speed sewqan perikoluż. Imma hemm, minbarra x-xhieda tal-istess appellant, ix-xhieda tiegħu għad-diskariku, li jgħidu li l-appellant kien qiegħed isuq bil-mod, bi speed moderat, u pprečiżaw (u hawn qegħda l-importanza ta' dawn il-provi) fatt pożittiv, illi ċjoè, meta l-appellant telaq mill-venda, hu telaq wara karrozzin, u baqa', sa ma ġara l-inċident, warajh, u l-karrozzier (li xehed) kien qiegħed isuq, kif tintuża l-frażi, "bit-tektika", ċjoè "slow trot", li hu appuntu kif skond il-liġi għandu jsuq il-vetturin f'dawn iċ-ċirkustanzi (ara art. 31 (g) LL. Pul. Kap. 13 Ediz. Riv.). Għalhekk, ma tantx seta' kien eżaġerat, anzi ma kienx affattu eżaġerat, li-speed tal-appellant, jekk hu baqa' wara l-vetturin, kif jirriżulta li baqa'. Kwindi, din iċ-ċirkustanza ta' speed żejjed ma tirriżultax;

Ikkunsidrat;

Avut rigward għall-kumpless taċ-ċirkustanzi kollha, din il-Qorti hi ta' fehma li ma kienx hemm sewqan perikoluż, imma biss sewqan negliġenti, konsistenti filli l-appellant, probabbilment distratt bl-ansja li jipprokura kirja, u konċentrat fuq, kif jingħad, "picking up a fee", resaq bla bżonn ftit żejjed lejn McVee, meta bl-attenzjoni ordinarja seta' evita l-inċident anki f'dawk iċ-ċirkustanzi. Del resto, dak kien l-apprezzament tiegħu stess mal-ewwel domanda tas-Surġent Portelli;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-imputat fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhux ħati ta' sewqan perikoluż. imma biss ta' sewqan negliġenti, u wara li rat l-art. 14 tal-Kap. 105. kif emendat bl-Att XXVI tal-1956, fil-waqt li timmantjeni ferma l-piena tal-multa, li tista' titħallas fi żmien xahar, tirriduċi l-piena tal-iskwalifika għal żmien tmien tijiem minn nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju 1962.